

# Tentufiet mill-istorja tal-Mosta

Is-Sur Lorenzo Zahra

## L-erba' kwadri antiki tas-sagristija tar-Rotunda tal-Mosta

L-erba' kwadri sbieħ li jinsabu fis-sagristija tar-Rotunda tal-Mosta għandhom valur speċjali, kemm fil-qasam storiku kif ukoll artistiku.

Fis-sena 1863, il-Kappillan Dun Anton Mallia ried li jwarrab dawn il-kwadri biex minflokhom jakkwista kwadru dwar il-ħajja tal-Madonna. Għalhekk huwa kiteb lill-Awtorità sabiex ikun jista' jagħmel dan it-tibdil. Kien għalhekk mitlub sabiex iqabbad żewġ esperti jaraw il-kwadri li huwa qal li kienu tal-knisja l-qadima u li ma kinux aktar servizzibbli għall-knisja l-ġdida. Wieħed kien Salvu Barbara li qal li kienu mqabrin wisq u li kienu jridu tiswija ġenerali. Huwa stmahom bejn £6 u £8.

Rapport ieħor kien minn Salvu Micallef. Dan faħħar bil-bosta l-ġmiel u l-perfezzjoni ta' dawn il-kwadri. Huwa qal li kienu jirrappreżentaw lil San Lorenzo, San Filippu Neri, San Cosma u San Damjan. Qal li juru xogħol għoli artistiku u li kienu ta' Stefano Erardi tas-*sei cento*. Għaldaqstant jidher li ma kienx tal-parir li dawn jitneħħew waqt li stmahom aktar minn £4-il wieħed.

X'ġara wara ma nafux. Nafu biss li dawn ġew apprezzati tant li kienu restawrati u miżmuma fis-sagristija bħala rikors tal-knisja l-qadima, kif ukoll għall-preġu artistiku tagħhom, opra ta' dan l-artist Erardi, tant magħruf għal xogħlijiet sbieħ tiegħu fil-knejjes tagħna.

AAM S Vol 55/521-5

## L-Ewwel Ġebla tar-Rotunda

L-ewwel ġebla tal-knisja Rotunda tal-Mosta tinsab irreġistrata fl-arkivju tal-Kurja Arċiveskovili bid-data tad-29 ta' Mejju 1833.

Id-dokument miktub mill-kanċillier ta' dak iż-żmien Dun Fortunato Dalli jsemmi li t-tqegħid sar minn Mons. Salv Lanzon, l-Arċidjaknu tal-Katidral f'isem l-Arċisqof Saverio Caruana. Isemmi fid-dokument li huwa bierek bl-ilma mbierek il-ħaġra ewlenija tat-tempju li l-Mostin riedu jibnu mill-ġdid f'ġieħ l-Assunzjoni tal-Beata Verġni Marija fis-sema.

Iċ-ċerimonja solenni saret bir-rit Latin fil-preżenza tal-poplu kollu tal-Mosta u ma jonqosx li jgħid li fil-lokal fejn tqegħdet din l-ewwel ġebla kien hemm salib tal-injam.

Iċ-ċelebrant kien liebes l-abiti sagri bojod u f'rasu kellu l-mitra, waqt li kienu preżenti wkoll il-koadjutur tal-Knisja Katidrali Dun Giuseppe Sapiano, Ġwanni Battista Mifsud u t-Tabib Saver Galea, kif ukoll Franġisku Grech.

Dan id-dokument jinsab fl-Arkivju Mater Dei – Atti Ċivili Vol CXCVI (196) 1833-1834, p.49

## Il-Mosta

Il-Mosta huwa raħal tassew qadim. L-isem jaħsbu li ġej mill-kelma MISTUR. Dan billi jinsab f'nofs il-gżira mdawwar b'inħawi madwaru.

Instabu bosta tifkiriet arkeoloġiċi f'diversi nħawi tal-Mosta u Wied il-Għasel, uħud huma Feniċi u Neolitiċi. Lejn Ta' Vnezja, illum magħruf bħala Ta' Qali, ukoll instabu tifkiriet qodma.

Fil-gwerra, l-art Ta' Vnezja saret ajrudrom tal-ajruplani u minħabba f'hekk il-Mosta wkoll ħadet sehem billi ntlaqtet minn bumbardamenti fil-gwerra, fejn kienu bosta refuġjati.

Wara l-gwerra sar żvilupp intensiv b'ħafna bini kif ukoll fabbriki u negozji.

Il-knisja parrokkjali twaqqfet fl-1608 bħala parroċċa,

iżda billi l-popolazzjoni kibret, inħass il-bżonn li l-knisja l-qadima tiġi mġedda. Damu jaħsbuha għax min ried ħaġa u min ried oħra. Fl-aħħar kien inkarigat Grognet li ħareġ b'tempju kbir taħt koppla maestuża li taħbi fiha l-knisja l-qadima, u din titneħħa wara. Hekk sar. Beda x-xogħol f'Mejju 1833 u bosta parruċċani kienu jmiddu għonqhom għax-xogħol. Tlestiet f'Marzu 1860. Il-lanterna saret fl-1889 u tqiegħed arloġġ ta' Sapiano mal-kampnar.

Ix-xogħol tmexxa mill-bennej Mangion minn Birkirkara u tkompla miż-Żejtuni Anġlu Gatt. Il-koppla hija t-tielet l-akbar wara San Pietru ta' Ruma u San Pawl ta' Londra.

Il-paviment sar fis-snin 1932–1933, tal-irħam, b'disinn sabiħ. Kien tassew miraklu meta fid-9 ta' April, f'xi l-ħamsa, meta fil-knisja kien hemm bosta nies, tinfed bomba mill-koppla li ma sploditx u ma weġġa' ħadd.

Il-knisja hija mżejna bil-pitturi ta' Giuseppe Calì li saru fl-1900. Il-kwadri wħud huma tal-knisja l-qadima. Ta' San Ġużepp, tal-Konsolazzjoni u ta' San Pawl huma ta' Barbara. Il-Ħarba tal-Egittu u ż-Żwieġ tal-Madonna ta' Bonnici (1864), it-Titular u hu ta' Stefano Erardi kif ukoll hu dak ta' San Bastjan, San Rokku u Santa Rosalija. Il-vara oriġinali kienet ta' Salvu Dimech u saret fl-1868. L-orgni ta' Inzoli u l-Via Sagra ta' Toni Agius li ħadem ukoll il-famuż monument ta' Kristu Mejjet.

Fil-Mosta tinsab knisja ta' San Pawl mlaqqma tal-Eremita. Hija marbuta ma' leġġenda ta' San Korradu. Jingħad li l-Mostin ittantawh u dan mar Għawdex iżda mbagħad sogħobbihom. Talbuh jiġi lura. Kien ħabbrilhom qerda li ġrat żmien il-piraterija tat-Torok.

Fuq l-għolja ta' San Ġużepp tat-Tarġa fl-1961-1966 inbniet dar għall-irtiri mill-Ġiżwiti. Hija opra tal-benefattur is-Sur Karm Borg li kellu ibnu Ġiżwita. Il-bennej kien Bondin, xogħol li ħadem għall-Perit Falzon. Din id-dar hija mdawra bil-ġonna.

Fil-qrib wieħed jara wkoll fdalijiet tal-Victoria Lines u ġnien li ħa ħsiebu l-Kunsill tal-Mosta.

